Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

PUBLIC

**Brussell, 14 ta' Ġunju 2022**
**(OR. en)**

**9839/22**

**LIMITE**

**CORLX 497**
**CFSP/PESC 717**
**COAFR 125**
**CONUN 106**
**COARM 96**
**FIN 606**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo |

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/…**

**ta' ...**

**li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo**

PUBLIC

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/788/PESK tal-20 ta' Diċembru 2010 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

[1] ĠU L 336, 21.12.2010, p. 30.

Billi:

(1) Fl-20 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/788/PESK.

(2) Fit-12 ta' Diċembru 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/2231[1] b'reazzjoni għat-tfixkil tal-proċess elettorali u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo. Id-Deċiżjoni (PESK) 2016/2231 emendat id-Deċiżjoni 2010/788/PESK u introduċiet miżuri restrittivi awtonomi fl-Artikolu 3(2) tiegħu.

(3) Wara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-kawża T-108/21[2], jenħtieġ li titħassar entrata waħda mil-lista ta' persuni u entitajiet li tinsab fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/788/PESK.

(4) L-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/788/PESK g]aldaqstant jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

PUBLIC

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2231 tat-12 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU L 336I, 12.12.2016, p. 7).

[2] Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' April 2022, *Ferdinand Ilunga Luyoyo vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, T-108/21, ECLI:EU:T:2022:253.

*Artikolu 1*

L-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/788/PESK huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

PUBLIC

# ANNESS

L-entrata li ġejja titħassar mil-lista li tinsab fit-Taqsima A ('Persuni') tal-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/788/PESK:

"3. Ferdinand Ilunga LUYOYO".

PUBLIC